San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 24 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-gimgha 22 ta' Frar 2013 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Alexander Bezzina | Vici Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Peter Abela | Kunsillier |
| Anne Fenech | Kunsillera |
| Daniel Grima | Kunsillier |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Carmel Hili | Kunsillier |
| Jason Camilleri | Kunsillier |
| | |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**
John Bray, Robert Piscopo

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

1 ***Qari u approvazzjoni tal-minuti.***

Il-minuti tal-laqgha precedenti numru 23 ittiehdu bhala moqrija u korretti peress li gew cirkulati minn qabel. Wara li l-minuti gew approvati unanimament u ma' kien hemm xejn *arising out*, dawn gew iffirmati mis-Sindku u mis-segretarju Ezekuttiv.

2 **Stqarrija tas-Sindku inkluz korrispondenza.**

Attendenza. Is-Sindku Mario Salerno qal li hija sabiha li jkollna kworum u jispera li dik il-posittivita li jkolllna biex inpoggu il-quddiem il-lokalita ta San Pawl il-Bahar biex b'hekk jizdied l-interess u l-gid komuni ta' kulhadd.

Parkegg gewwa San Pawl il-Bahar. Is-Sindku Salerno kompla jghid li qed ikollna hafna lmenti specjalment aktar ma joqrob is-sajf minhabba l-problema tal parkegg. Ghandna talba minghand tar-restaurants gewwa Bugibba biex ikollna *park and ride system* halli klijenti jkunu jistghu jinzlu quddiem restaurants imbghad imorru pparkjaw fil-periferijja ta' San Pawl u Bugibba. Ghaldaqstant ghandna naraw mat-transport Malta kif tista' tithaddem din is-sistema. Is-Sindku qal li ser jiehu hsieb jibda dan il-process halli jitressaq il-hsieb mat-transport Malta u jibdew il-laqghat necessarji biex jitnieda dan il—progett.

Appelli. Is-Sindku Mario Salerno kompla jghid li billi sar l-appell fuq it-tender tas-soft area mill-ELC- ghalkemm ma' kienitx l-irhas tender, id-dipartiment kiteb lill Kunsill biex kemm il-kuntrattur l-antik kif ukoll dak il-kuntrattur li intghazel kellhom jieqfu mill-hidma tagghom b'mod immedjat. Is-Sindku kompla jghid fid-dawl ta' dan il-Kunsill spicca bla kuntrattur ghas-soft areas. L-istess sitwazzjoni fuq il-kuntratt tat-tiswijja fuq il-bankini. Il-Perit Daniel Grima qal li ghanda tinkiteb ittra lid-dipartiment biex jinzamm responsabbli id-dipartiment stess jekk iwegga xi hadd minhabba hsarat fuq bankini tal-lokalita taghna. Huwa kompla jghid li ghanda titranga l-ghalqa hdejn il – hanut Doobles u terga' titranga x-xatba ghax inqalghet minn posta. Ray Tabone flimkien ma' Carmel Hili qablu mas-suggeriment tal-Perit u ghaldaqstant gie deciz li tinkiteb ittra lid-dipartiment biex jinzamm responsabbli mill li jista' jinqala.

*Hand rail* u tabelli neqsin taht il-Hotel tas-Suncrest. Is-Sindku Mario Salerno spjega li gie komunikat lilu li taht il-hotel tas-Suncrest kien hemm diversi tabelli biex turisti joqghodu attendi kif jinzlu fil-bahar li kienu spiccaw bis-sadid. Huwa kompla jghid li l-kunsill ghandu jerfa' responsabbilta li fejn ikunu kazijiet urgent u ta' periklu l-kunsill ghandu jiehu azzjoni immedjata.

*Express Burger Kiosk- Bugibba.*

Is-sindku Mario Salerno qal li giet migbuda l-attenzjoni tal-Kunsill li kienet saret applikazzjoni biex tinbena burger kiosk magenb l-Aquapark ta' Bugibba. Huwa kompla jghid li ma' kienitx saret talba lill Kunsill ghall-ebda permess jew konsultazzjoni f' dan ir-rgiward. Il-Perit Daniel Grima u l-avukat Robert Piscopo qalu li ghanda tingibed l-attenzjoni tal-MEPA li suppost skont il-ligi kjosk gdid ghandu jkun 500 metru l-boghod

minn gabbana ohra. Il-Perit Daniel Grima spjega li l-kunsill f'dan il-kas m'ghandux dritt li jwaqqaf ix-xoghol pero bhala Kunsill suppost gejna konsultati bl-izvilupp li ser isir. Ghaldaqstant kien hemm il-qbil li jigu kuntattjat l-*enforcement officer* tal-MEPA fuq dan il-kas. (Mehmuz ma' dawn il-minuti hemm kopja tal-permessi minghand il-lands Department kif ukoll tal-MEPA).

Il-kas tal-*flower kiosk*.
Is-Sindku Mario Salerno qal li fil-15 ta' Marzu ghandna niltaqghu bhala kunsill mas-sid tal-flower kiosk u ma' tal-lands biex jinsab post alternattiv kummercjalment vijjabbli ghalih peress li kien ga inghata ragun mill- Qorti. Ghaldaqstant kif ikun deciz liema post huwa vijjabbli ghalih, wara ghandna nergghu nmorru quddiem l-imhallef gewwa l-qorti.

Cnus fuq l-artijiet. Is-Sindku Mario Salerno qal li gie avvicinat minn diversi familji residenti gewwa l-konfini ta' San Pawl il-Bahar li gew mitluba jhallsu cnus fuq l-art Is-Sindku spjega li bhala Kunsill m'ghandniex x'naqsmu, pero minn-naha l-ohra l-Kunsill qed joffri l-ghajnuna kollha tieghu f'dan ir-rigward. Is-Sindku talab l-approvazzjoni biex jekk ikun hemm il-htiega, l-kunsill joffri s-sala tal-kunsill biex jiltaqu fiha.

Hlas dovut lill Adam Bugeja. Is-Sindku Mario Salerno spjega kif kien gie prezentat kont minghand il-kuntrattur Adam Bugeja li jmur lura minn zmien il-Milied. Kompla jghid ukoll li huwa kellem lill perit Etienne biex jghamel revizjoni fuq il-kont halli jissepara l-kont kif suppost u jiccertifika li kollox sew halli mbaghad jithallas l-ammont dovut.

Skeda tal-hlasijiet. Giet ipprezentata l-iskeda tal-hlasijiet u giet mressqa ghall-approvazzjoni. L-iskeda giet approvata b'sitt voti favur (Mario Salerno, Alex Bezzina,Ray Tabone, Mandy Buhagiar, Jane Chircop u Carmel Hili), u erba astjenew (Peter Abela, Anne Marie Fenech, Graziella Galea u Daniel Grima).

Uzu tal-Karozza tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Anne Fenech u Graziella Galea gibdu l-attenzjoni li l-karozza kienet intuzat barra mill hint al-Kunsill u ghaldaqstant wara diskussjoni qasira gie deciz li l-karozza ghanda tigi msakkra fil-garaxx tal-Kunsill filghaxijiet. Kien hemm qbil unanimu.

**Xogholijiet.**
Triq Jean de La Cassier. Is-Sindku Mario Salerno qal li kien ga nbeda x-xoghol fuq din it-triq bic-cement stabilization. Kif titlesta din it-triq u jkollna l-karti flimkien mall-permessi kollha mehtiega mid-diversi entitajiet, jibda x-xoghol ukoll fuq triq Gulju. Graziellla Galea kompliet tghid li fi Triq it-Tamar ghanda tinghata aktar attenzjoi.

**Korrispondenza**
Il-Kunsill ircieva ittra minghand residenta li kellha l-bulky refuse u l-kuntrattur tal-kunsill ma' gabarx kollox ghax kien hemm aktar minn tlitt items. Skont ir-residenta l-affarijiet li harget kienet tikkonsisti fi gwardarobba wahda, li biex titnizzel isfel fuq il-bankina kella tizzarma mill-ixkafef u ghaldaqstant kienet meqjusa bhala item wahda u l-kuntrattur suppost kien fid-dover li jigbora.

*Timed Parking*. Kien hemm ittra minghand stabbilment tal-kcejjen fi Triq Mosta Road li talab li l-hin tal-parkegg quddiem l-istabbilment tieghu jigi estiz ghal siegha minflok nofs

siegha. Dan ghal fatt li l-klijienti mhux ser jixtru kcina f' hin ta' nofs sigha u ghaldaqstant ma' tregix li t-tabelli jibqghu ta' nofs siegha. Ray Tabone qal li ghanda ssir laqgha ma' tal-hwienet biex issir konsultazzjoni u jinstab hin komuni. Fuq dan ir-rigward Mario Salerno qal li ahjar issir konsultazzjoni ma' kulhadd.

Loading u Unloading. Wara diskussjoni qasira, gie deciz li l-kunsill jibda jara li l-hinijiet tal-loading/unloading bays quddiem il-hwienet jkunu jirriflettu l-esigenzi tal-hinijiet, skond in-natura tal-inhawi u skond il-bzonnijiet u l-esigenzi tal-hwienet. Ghaldaqstant is-sindku flimkien mal-kunsilliera ghandhom jduru kull fejn hemm dawn il-bays u jaraw kif jistghu jirrangaw dawn il-hinijiet.

U-bends tal-aluminium biex jitwahhlu riklami. Waslet proposta minghand kumpanija privata biex twahhal u-bends tal-aluminium li fuqhom jehlu riklami minn din l-istess kumpanija. Carmel Hili gibed l-attenzjoni biex meta jinghata l-permess ghall dan it-tip ta' riklamar naraw x'tip ta' riklami jsiru fuqhom. Ghaldaqstant gie deciz li dawn ir-riklami jigu approvati mill-Kunsill. Kien hemm il-qbil li din il-kumpanija ma' tkunx l-unika kumpanija li tista' taghmel dan ghax il-Kunsill minn diga ghandu u-bends tal-hadid li propjament iservu ghall-istess ghan.

Hidma tar-Regjun tat-Tramuntana. Il-Kunsillier Peter Abela spjega li is-Sur Borg Caruana jithallas fuq €90,000 fis-sena, jigifieri biex jithallas persuna wahda irid jinghata medja ta' 7000 citazzjoni fis-sena. Huwa kompla jghid li mhux suppost jinxraw servizzi b'tender Fuq dan ir-rigward, is-Sindku Mario Salerno qal li ghanda tinkiteb ittra lir-regjun halli tinqara fl-ewwel laqgha li jmiss. Ghaldaqstant gie deciz li l-ittra ghanda tinkiteb lis-segretarju tar-regjun tkun tkopri dawn il-punti:-

1. Il-Kunsill joggezzjona b'mod ufficjali li citazzjonijiet li qed jinghataw ma' jirriflettux gustizzja ma dawk li jkunu mghaggla jhallsu citazzjonijiet. Ezempju ta' dawn huwa kas tipiku meta waqt funeral inghataw citazzjonijiet lin-nies li kienu qed jattendu l-istess funeral.
2. Mhux tajjeb li lokalita taghmel tajjeb ghall 60 fil-mija tas-sistema tar-regjun.
3. Hija wkoll ingustizzja li tinghata 10 fil-mija bhala persentagg tal-biljetti ta' fejn jithallsu.
4. Il-Kunsill ma' ghandu l-ebda poter jew *say* fuq ix-xoghol tal-warden.

Dawn il-punti qed jaffetwaw bil-kbir il-qaghda kummercjali u socjali fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar. Ghaldaqstant dawn il-punti ghandhom jigu mqajjma fil-laqgha tar-Regjun Tramuntana biex wara tinghata risposta bil-miktub lill Kunsill.

**Aggornament tax-xoghlijiet tal-Kunsilliera.**

Carmel Hili. Il-Kunsillier Carmel Hili talab biex terga' tinkiteb ittra halli titranga l-Pelican lights ta' quddiem il-Hotel tas-Suncret, gewwa l-Qawra. Talab ukoll biex il-perit tal Kunsill Etienne Magri jara jekk hux ahjar isiru *fish bone parking* magenb il-Gillieru

Graziella Galea. Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li ghanda tinkiteb reminder lill Transport Malta biex issir zebra crossing hdejn l-Access kif ukoll fejn il-playing field tal-Vecca.

Peter Abela. Il-kunsillier Peter Abela qal li fi Triq Gulju hemm zebra crossing li ghanda timxi aktar il-gewwa lejn in-naha tat-tribunal. Din il-proposta ghanda terga' titqajjem meta tkun lesta triq Gulju mix-xogholijiet li ser isiru.

Alex Bezzina. Il-Vici Sindku Alex Bezzina semma li hemm tarag bejn id-djar in-naha ta' Fra Ben li ghandu jitnaddaf mill-hmieg u haxix u jittranga ghax qieghed ta' periklu ghar-residenti lu juzawh.

Anne Fenech. Il-Kunsilliera Anne Fenech qalet li ghandu jitnehha parkegg riservat ghax ghal min kien hareg il-permess kienet mietet.

Mandy Buhagiar. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li ghalkemm ga kienet diskussa biex jitwahhlu bankijiet u bins fuq il-promenade hdejn ta' Fraben, dawn ghadhom ma' twahhlux. Ghandom isiru id-decorative lights mas-sigar tal-palm u one way system Triq il-Merlutz hdejn it-Trollerys il-Qawra. Hija kompliet tghid li rigward ix-xoghol fis-Sirens public convenience ahjar isir rapport mill-perit qabel jissewwew il-hsarat.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha spiccat fit 8.05 u giet aggornata ghall nhar l-erbgha 27 ta' Marzu fil-5.30pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.